# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 476/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Alin Hanes-Calugaru**
**(ID 0113937A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, sitt mija u sebgha u sebghin euro u sitta u tletin centezmi (€3677.36) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni maghrufa bhala 'Limitless 35' li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkonti AC40427129, AC40428904, AC40417029 u AC40427847 liema somma l-intimat baqa' ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez u

drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti rikors kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz inkluz l-affidavit ta' Charmaine Wiffen (a fol. 22 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef euro, sitt mija u sebgha u sebghin euro u sitta u tletin centezmi (€3677.36) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni maghrufa bhala 'Limitless 35' li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**